# LI TIŻRA' TAĦSAD

*Ta'* Vic Apap

"IMXI miegħi... Imxi miegħi, qed ngħidlek!", beda jgħajjat Wenzu waqt li karkar lil ibnu minn dragħu u telaq jiġri bih lejn il-għolja fejn it-tifel kien qallu li ġie msawwat minn wieħed ikbar minn.

"Le, pà, ħallini hawn id-dar, għax jerġa' jsawwatni", kien qed igħid Toni fost l-ilfiq. "Dak ikbar minni, ma nagħmel xejn miegħu".

"Int ġifa, ibni, għalhekk isawtuk. Jien irridek titla' raġel ma tibża' minn ħadd, lanqas jekk ikun hemm min hu daqsek darbtejn".

U hekk, fost il-biki ta' Toni u l-għajat u d-dagħa ta' Wenzu, it-tnejn waslu fuq il-għolja ta' barra Ħal Warda fejn ftit qabel Toni kien qala' daqqtejn sewwa mingħand Ġużepp, tifel b'saħħtu u ma jibża' minn ebda tifel ieħor tar-raħal.

Malli raw lil Toni ma' missieru, it-tfal kienu sa jitilqu jiġru, imma Wenzu waqqafhom b'leħen ta' qilla.

"Ieqfu hemm għedtilkom għax niftaħ in-nar fuqkom", heddidhom Wenzu.

It-tfal qabdithom rogħda f'riġlejhom u ma felħux jiġru.

"Ersqu 'l hawn", sejjaħ Wenzu lit-tfal. Ilkoll imxew lejh qishom ħrief. "Min minnkom sawwat lil Toni tiegħi?" staqsiehom bl-aħrax.

"Mhux jien', wieġbu mbikkija t-tfal barra minn wieħed.
— "Jiena ma rridx naf min ma sawtux lil Toni, imma min sawtu", raġa' ried jaf.

Ġużepp intrass minn qaddu, ta passejn 'il quddiem lejn Wenzu u qallu: "Kellna xi ngħidu jien u hu u ġejna fl-idejn".

"Dak li ridt naf minn għandek", qal Wenzu.

It-tfal l-oħra kienu sa jaqbdu n-niżla jiġru x'ħin leħen Wenzu raġa' ħasadhom.

"Min bagħatkom? Ersqu 'l hawn; m'għandkomx għaliex tibżgħu. M'jien sa mmiss lil ħadd minnkom". Imbagħad dar fuq Ġużepp u qallu: "Agħtih daqqtejn oħra lil Toni".

Ġużepp hawnhekk bħal baża' u ma tħarrekx.

"Agħtih daqqtejn għedtlek, jew ma smajtx?"

Ġużepp qaleb għajnejh lejn Wenzu biex jara fehemx sewwa x'ried minnu. Toni trekken wara daħar missieru.

"Itlaq minn warajja, ja ġifa", għajru Wenzu. "Mul ilqa' d-daqqiet biex biż-żmien titgħallem tagħti int ukoll... Jekk tiflaħ, xejjer xi daqqtejn ukoll".

"Ma niflaħx għalih, pà", temtem Toni mimli bil-biża'. "Dak saħansitra 'l missieru jsawwat".

Għal dal-kliem Ġużepp sibel, xammar malajr il-kmiem tal-qmis, għaqqad il-ponnijiet u stieden lil Toni għall-ġlied: "Ersaq 'l hawn biex nurik lil min insawwat jien!"

Wenzu heżheż lil ibnu minn spalltu u waddbu quddiem Ġużepp. "Mur, ġifa, la stiednek għall-ġlied".

"Le, pà, ma rridx", laħaq għajjat Toni, imma Ġużepp kien diġà resaq fuqu u xejjirlu erba' daqqiet ta' ponn fuq wiċċu u moħħu. Toni ra kollox idur bih u stabat għaxi ma' l-art, fil-waqt li beda jnixxilu d-demm minn imnieħru u ħnieku.

"Daqshekk biżżejjed", qal Wenzu minn taħt l-ilsien lil Ġużepp. "Issa tista' tmur".

Ġużepp kien qabad iniżżel il-kmiem tal-qmis u sa jitwarrab minn hemm ma' ħbiebu meta Wenzu, donnu jrid jarmi n-nar minn għajnejh, qallu: "Il-lum kont int li għelibt lil ibni u ħriġtlu d-demm, iżda jien irrid ngħallmu jkun aqwa minnek biex xi darba jonxrok hu ma' l-art daqs biċċa ċarruta mxarrba. Itlaq issa!"

Telaq Ġużepp bla ma ħabbel rasu xejn b'dak li kien għadu kemm qallu Wenzu għaliex kien jaf li Toni ma jasal qatt biex ilaħħaq miegħu fil-ġlied. Sħabu qabdu jtaptpulu fuq daħru biex jonfħuh u jagħmlu l-arja bih.

Wenzu ġabar lil Toni għaxi mill-art u baqa' sejjer id-dar bih. Huwa xtaq jagħmel minn kollox biex jara lil ibnu b'saħħtu u ma jibża' minn ħadd; ried kieku jrabbi fih dgħif u għadam qawwijin daqs l-azzar biex ikunu n-nies li jibżgħu minnu u mhux hu min-nies. Iżda Toni kien tifel xipli, għadmu kien bħal tal-bċieċen, qalbu kienet daqs ta' ħaruf. Kollu ta' xejn kien kliem missieru mimli ħruxija u qilla fuq ġlied u swat u tixrid ta' demm; it-tifel kien jitkexkex meta jisma' fuq hekk. Kollox kien fix-xejn: wara t-taħriġ għall-ġlied li missieru kien beda jagħtih ta' kull fil-għaxija, Toni kien jimtedd iorqod mifluġ u miġugħ, bla ma sata' jżid fis-saħħa ta' dirgħajh jew fil-qawwa ta' ġismu. Kollox kien bil-maqlub. Minn jum għal ieħor, Toni

kien qiegħed iħoss saħħtu tonqoslu; f'sidru kellu għoqla li bil-kemm kienet waqtiet tħallih jieħu nifs sħiħ.

Ġużepp, mill-banda l-oħra, kien rabba l-arja meta ra li missier Toni ma kien għamillu xejn. U kull darba li kien jara lil Toni kien igħidlu, biex iżebilħu: "Meta sa jgħallmek missierek biex tagħlibni fil-ġlied?" U mhux darba u tnejn li Ġużepp ta xi xebgħa lil Toni għal xejn b'xejn biex aktar ibeżżgħu minnu. Imma Toni qatt iżjed ma semma xejn lil missieru.

F'qalb Toni kienet qiegħda titrabba mibegħda kbira għal Ġużepp. Huwa kien jixtieq kieku jirbaħlu, imma fl-istess waqt kien jaf li ma jasal qatt biex ilaħħaq ma' Ġużepp, aktar u aktar issa li beda jħoss saħħtu kulma tmur tonqsu dejjem iżjed bid-daqqiet ta' missieru. Biex jeħles minn dan is-swat, madankollu, kien irid l-ewwelnett jegħleb lil Ġużepp. B'hekk biss missieru kien iqis li ibnu laħaq raġel. Imma x'jagħmel?

Darba Toni staqsa lil missieru: "Pà, ma nistax ngħix ta' ħabib ma' ħaddieħor u lil Ġużepp ma nfittxux?"

"Jekk ma tfittxux int, ifittxek hu la jaf li hu aqwa minnek. Fid-dinja ma tista' tgħix ħabib ma' ħadd, ibni, għaliex kulħadd jittanta jgħallfek biex ikun aħjar minnek. Fil-ħajja, ifhimha tajjeb, jew tagħti, jew taqla'... Mela aħjar titgħallem tagħti milli toqgħod taqla'; aħjar rebbieħ milli mirbuħ." U b'dal-kliem Wenzu kien jaħseb li qiegħed jirraġuna ta' wieħed għaref billi hu minn dejjem hekk għamel. Din kienet il-massma tiegħu ma' kulħadd, saħansitra ma' martu li qeridha ħesrem meta Toni kien għadu tarbija ta' tliet xhur.

Mhux għaġeb li ibnu kien dgħajjef minn saħħtu: kien ilu jbati minn qabel ma ra d-dawl tax-xemx; trabba f'idejn barranin li ftit ħassew għalih billi ma kienx demmhom, u malli telaq jiġri, missieru ġabru fid-dar igħix għal rasu u jlaqqat milli jsib mingħajr qatt ma daq dik il-ħlewwa u l-għożża li taf tagħti l-omm lil uliedha. Barra minn hekk, demmu kien kulma jmur jitħassar bil-qtajja' u s-swat aħrax li jagħtih missieru, għaliex dan minn dejjem stenna li ibnu m'għandu qatt jaħsibha ta' tifel iżda mill-ewwel ta' raġel — anzi ta' raġel li jixtri l-ġlied b'idejh biex, kif kien igħid hu: "ikun il-mazza li tagħti d-daqqiet u mhux l-inkwina li dejjem taqla' fuqha".

Ħabbel rasu Toni biex jara x'jaqbad jagħmel u jegħleb lil Ġużepp, iżda l-moħħ żgħir tiegħu ma wasalx isib tarf tal-hemm li kien għaddej minnu.

Għodwa waħda mċajpra ta' Settembru kien waħdu d-dar jitbekka xortih, igerrem difrejh u jaħseb f'xi ħaġa li tista' sserraħlu qalbu mill-għadu qalil tiegħu, meta għajnejh waqgħu fuq l-ixkaffa ta' ħdejn is-sodda ta' missieru. Hemmhekk lemaħ il-pistola ta' Wenzu; berraq għajnejh; qalbu ħabbtet imgħaġġel; fuq fommu feġġet tbissima ta' hena. Ħares mit-tieqa lejn il-għolja fejn darba Ġużepp kien tah taptipa sewwa quddiem għajnejn missieru. Ra l-mogħoż ta' Ġużepp jirgħu mal-ġnub tal-għolja. Ta daqqa ta' għajn madwaru, donnu biex ikun żgur li mhu qed jarah ħadd; mesaħ idejh mal-qalziet; għolla idu għal fuq l-ixkaffa; qabad il-pistola; xeħetha f'ħobbu; ħareġ mid-dar; kiser għat-triq tal-għolja b'qalbu tħabbat qawwi ġewwa sidru.

Fuq il-għolja deher Ġużepp waħdu jirgħa l-mogħoż u jinbex kelb tal-kaċċa. Meta Toni wasal daqsxejn bgħid minn Ġużepp, qal b'leħen qawwi waqt li ħareġ il-pistola minn ħobbu: "Il-lum ejja megħekni ma' l-art jekk għandeki l-ħila!"

Ġużepp dar lejn Toni; inħasad; sfar; beda jirtogħod; ma sabx x'jaqbad igħid.

"Il-lum ipprova ersaq lejja u ofġorni kif għamiltli kemm-il darba!" issokta Toni.

"Għidli li qiegħed tiċċajta, Ton", temtem Ġużepp x'ħin beda jagħti l-passi lura biex jitbiegħed minn Toni.

"Għalfejn qiegħed tersaq lura u mhux tħebb għalija bħal qabel?" staqsieh Toni bi tbissima ta' tkasbir.

"Ma nerġax immissek iżjed, Ton... Naħliflek fuq ommok li ma nerġax. Nibda naqbeż għalik kontra l-oħrajn kollha...... Emminni, Ton, taf!"

Iżda f'wiċċ Toni ma kenitx tidher ħniena; huwa ma kienx qiegħed jagħti widen ta' kliem Ġużepp. Baqa' riesaq lejh pass pass waqt li l-ieħor kien miexi lura bla ma jaqla' għajnejh minn fuq il-pistola.

F'daqqa waħda Toni għajjat: "Żomm hemm, qiegħed f'xifer l-irdum. Jekk tagħti pass ieħor lura tmur għal isfel. Tersaqx lejja; ibqa' fejn int."

Ġużepp waqaf; ma kienx jaf x'jaqbad jagħmel. Malajr ġieh ħsieb u qal bil-ħlewwa lil Toni: "Jiena bsart li int ma tridx toqtolni." Imma bil-kemm kien qal dal-kliem li ma ħassx l-art ta' taħtu nieżla bih; iż-żrar beda jitfarfar mill-qiegħa; rasu għelbitu; ħa tixjira fix-xejn; baqa' nieżel mill-għoli ta' l-irdum għal fuq il-blat ta' wara l-oqsma.

Toni baqa' qisu mibluħ bil-pistola f'idu ippuntata lejn ix-xejn. Imbagħad ferfer rasu donnu stenbaħ minn nagħsa kerha; daħħal mill-ġdid il-pistola f'ħobbu; qabad in-niżla li wasslitu sad-dar; qiegħed il-pistola fuq l-ixkaffa minn fejn kien ħadha; raġa' mar bil-qiegħda jaħseb u jgerrem difrejh bħalma kien għamel qabel ħareġ mid-dar. Imma f'qalbu ma ħassx il-hena li kien basar sejjer isib.